Illum it-Tnintax (18) Illum: 755

4600

(1990).

Quddiemi Nutar Dottor Paul George Pisani dehru personalment u identifikaw ruhhom bid-dokumenti hawn taht indikati:-

Michael, minghajr okkupazzjoni; Josephine, xebba; Carmelo, minghajr okkupazzjoni u Emanuel, haddiem, ahwa Vella, wlied [illegible] Francesco Vella u Michelina nee' Camilleri, imweldin u joqghodu lkoll Ghajnsielem, Ghawdex (Karta ta' Identita' numru: 33840(G); 23833(G); 29647(G) u 11936(G) rispettivament).

L-Avukat Dottor Michael Caruana, bin Joseph u Josephine nee' Debrincat, imwieled u residenti Victoria, Ghawdex (Karta ta' Identita' numru: 27058(G)) li qieghed jidher fuq dan l-att fil-kwalita' tieghu ta' kuratur biex jirrappresenta l-eventwali kontumaci fuq dan l-att kif hekk mahtur b'sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex, Superjuri Civili, fl-ismijiet "Michael Vella versus Josephine xebba Vella et" fit-tmintax (18) ta' Mejju tal-elf disa' mija u disghin (1990) (Citazzjoni numru: mija u tlieta u hamsin tal-elf disa' mija u sitta u tmenin (153/1986). Illi l-imsemmija kontumaci huma Gorg, minghajr okkupazzjoni; Felic, pensjonant; u Joseph, haddiem, ahwa Vella, wlied il-mejtin Francesco Vella u Michelina nee' Camilleri, imweldin u joqghodu Ghajnsielem, Ghawdex u joqghodu Gorg, Ghajnsielem, Ghawdex u Felic u Joseph, Melbourne, Victoria, l-Awstralja.

Minni Nutar maghrufin.

Jiddikjaraw u jippremettu:-

Illi bis-sentanza moghtija mill-Onorabbli Qorti fuq imsemmija giet ordnata d-divizjoni tal-beni possjeduti in komuni bejn il-kondividenti provenjenti lilhom mill-wirt u

Notary to Goverment
Victoria, Gozo

Arkivre Arkivre

successjoni tal-mbituri taghhom Francesco u Michelina ghal-konjugi Vella, l-ewwel mietu fis-sitta (6) t'Ottubru tal-elf disa' mija u erbgha u tmenin (1984) u fil-hdax (11) ta' Jannar tal-elf disa' mija u tlieta u sittin (1963) rispettivament;

Ghaldaqstant in esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija l-partijiet resqu ghal dan il-kuntratt ta' divizjoni.

Il-beni immobili in divizjoni huwa s-segwenti u cioe':-

(a) Divizjoni diviza mill-art imsejha "Ta' Fuq il-Hamri" fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex tal-kejl ta' cirka elf mitejn u sittax-il metru kwadru (1,216m²) u tmiss mit-tramuntana ma' Triq il-Gudja,punent ma' Triq Malta u lvant ma' beni ta' Jack Galea, kif ahjar murija fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u markata Dokument "A";

Ghall-fini ta' din id-divizjoni dina l-art giet diviza f'seba' (7) plots markati bl-ittri "A" sa "G" fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa u markata Dokument "A" u cioe':-

(i) Il-plot "A" tal-kejl ta' cirka mija u disghin metri kwadri (190m²) u tmiss mil-lvant ma' beni ta' Jack Galea, tramuntana ma' Triq Gudja u punent mal-plot "B" tal-istess art, kif ahjar murija, fuq l-imsemmija pjanta, tal-valur ta' elfejn hames mija u sittin lira Maltin (LM2,560);

(ii) Il-plot "B" tal-kejl ta' cirka mija u tlieta u tmenin metri kwadri (183m²) u tmiss mit-tramuntana ma' Triq Gudja, punent mal-plot "A" u lvant in parti mal-plot "C" u in parti mal-plot "G" tal-istess art; kif ahjar murija fuq l-imsemmija pjanta, tal-valur ta' elfejn u hames mija u ghoxrin lira Maltin (LM2,520);

(iii) Il-plot "C" tal-kejl ta' cirka mija u disgha u sittin metri kwadri (169m²) u tmiss mit-tramuntana ma' Triq Gudja, nofsinhar mal-plot "G" u lvant mal-plot "B", kif ahjar murija, fuq l-imsemmija pjanta, tal-valur ta' elfejn tlett mija u ghoxrin lira Maltin (LM2,320);

Notary to Goverment
Victoria, Gozo